SAN GILJAN

# KUMITAT AMMINISTRATTIV PACEVILLE

## MINUTI

## Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv Paceville

## Laqgħa Nru. 19/KA2/16

Data: 11 ta' Mejju 2016

Ħin: 5.00p.m.

Post: L-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Triq Forrest, San Ġiljan

---

Preżenti: Albert Bonello Ghio - Ċermen
Michael La Rosa - Viċi Ċermen
Joseph Oliva - Membru
Maria Dolores Falzon - Membru

Guido Dalli - Sindku
Paul Spiteri - Segretarju Eżekuttiv
Marilyn Cassar - Skrivana

Skużati: (0)

Assenti: Richard Scicluna - Membru

---

### AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Komunikazzjoni miċ-Ċermen;
4. Korrispondenza;
5. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets
6. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
7. Aġġornament.

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

**Minuti – *19/KA2/16***

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**1 Qari u approvazzjoni tal-Minuti**

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 18/KA2/15 u ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

1.3.02 Il-Viċi-Ċermen Micheal La Rosa ssekondah.

1.3.03 Il-Kumitat qabel unanimament.

**2 Punti mqajma mill-Minuti**

2.01 Is-Sindku nforma lill-Kumitat li reġa' ressaq għal attenzjoni ta' Transport Malta t-talbiet dwar Paceville li kienu ġew diskussi waqt il-laqgħa ma' Transport Malta.

**3 Komunikazzjoni miċ-Ċermen**

3.01 Iċ-Ċermen informa li hemm bżonn jinbidlu xi bozzoz fi Triq Spinola u ser jgħaddi aktar informazzjoni dwar dawn l-bozzoz lill-Uffiċċju Amministrattiv, filwaqt li rraporta li l-kennies hemm bżonn li jibda jmur aktar regolari fl-imsemmija triq.

3.02 Ġie deċiż unanimament li ċ-Ċermen u l-Viċi-Ċermen ikellmu lill xi stabilimenti ta' Triq Spinola biex ma jħamgux barra u jipprovdu *ash-trays* fil-propjeta` privata tagħhom.

3.03 Il-Membru Joe Oliva ġibed l-attenzjoni tal-Kumitat li l-*Bring-in-Site* tal-ħġieġ ta` Triq Wilġa hi nieqsa.

3.04 Ġie deċiż unanimament li ssir laqgħa mal-Pulizija s-Supt. Raymond D'Anastas kif kien deċiż waqt il-laqgħa pubblika kif ukoll għandha ssir laqgħa oħra mal-Awtorita` tat-Turiżmu.

3.05 Inġibdet l-attenzjoni tal-Kumitat li qed ikun hemm abbużi minn ċerti persuni fl-bajja ta` Dragonara, għalhekk ser issir talba lill-Pulizija biex jagħmlu aktar rondi u jinqata dan l-abbuż.

3.06 Ġie deċiż unanimament li titwaħħal tabella tal-iskart fi Triq Paceville ħdejn il-Lombard Bank u f`postijiet oħra fejn qed jintrema l-iskart.

## 4 Korrispondenza

4.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

**Rif. Nru. Korrispondenza**

P149 Email ta' ringrazzjament mingħand is-Sur Karl Gouder.

P155 Talba mingħand is-Sur Kurt Micallef għal *Un/Loading Bay* ħdejn l-Burger King.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

**Rif. Nru. P155**

4.02 Saret riferenza għat-talba għal *Un/Loading Bay* ħdejn l-Burger King mingħand is-Sur Kurt Micallef. Ġie deċiż unanimament li ssir talba lit-Transport Malta sabiex iż-żewġ parkeġġi li preżentament huma riservati fl-għaxijiet biss għal Pulizija, jsiru *Un/Loading Bays* matul l-ġurnata.

4.03 Ġie deċiż unanimament ukoll li l-klijent għandhu jiġi nfurmat b'din it-talba filwaqt li jiġi nnotifikat li dawn l-*Un/Loading Bays* ikunu għall-istabbilimenti kollha tal-*area*.

## 5 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

5.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheet minn nru. 397 sa nru. 410 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'A')

5.02 Il-Membru Joe Oliva ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

5.03 Il-Membru Maria Dolores Falzon ssekondatu.

5.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

## 6 Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet

6.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom (Ara Appendiċi 'B').

6.02 Il-Viċi-Ċermen Michael La Rosa ssekondah.

6.03 Il-Membru Joe Oliva u l-Membru Maria Dolores Falzon astjenew minħabba li ma jridux jieħdu responsabilita' fuq il-pagamenti u minħabba li għandhom d-dubju fuq il-kwalita' tax-xogħol.

6.04 Il-pagamenti ġew approvati.

**7. Aġġornament**

7.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar il-Erbgħa 15 ta' Ġunju 2016 fil-5.00p.m.

7.02 Il-laqgħa ntemmet fis-5.50p.m.

**Albert Bonello Ghio**
**Ċermen**

**Paul Spiteri**
**Segretarju Eżekuttiv**

Data: ***11 ta' Mejju 2016***